Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2021/0213(CNS)

23.6.2025

EMENDI
200 - 422

Abbozz ta' rapport
Johan Van Overtveldt
(PE770.060v01-00)

Riforma tal-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku (riformulazzjoni)

Proposta għal direttiva
(COM(2021)0563 – C9-0362/2021 – 2021/0213(CNS))

Emenda 200
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tipprovdi tabella ta' konverżjoni għal kull prodott tal-enerġija u għall-elettriku kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Direttiva li tiġbor fil-qosor ir-rati minimi bbażati fuq il-kontenut tal-enerġija għal kull unità ta' volum.

Or. en

Emenda 201
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għall-għanijiet*** ta'din id-Direttiva, ***it-terminu*** "prodotti tal-enerġija" ***għandu japplika għall-prodotti***:	1. ***Għall-finijiet*** ta'din id-Direttiva, "prodotti tal-enerġija" ***tfisser***:

Or. en

Emenda 202
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) li huma deskritti taħt il-Kodiċijiet NM 4401 u 4402 jekk dawn se jintużaw bħala fjuwil għat-tisħin f'installazzjonijiet b'input termiku nominali totali ta' 5 MW jew aktar.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva ma għandhiex tapplika għat-tassazzjoni fuq prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4401 u 4402.

Emenda 203
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-prodotti tal-enerġija, minbarra dawk li għalihom hemm ***livell i*** minimi ta' tassazzjoni speċifikati f'din id-Direttiva, ikunu intenzjonati għall-użu , għall-bejgħ jew użati bħala karburant jew fjuwil għat-tisħin, dawn għandhom jiġu ***ntaxxati*** skont l-użu, bl-istess rata tal-fjuwil għat-tisħin jew il-karburant.	3. Meta l-prodotti tal-enerġija, minbarra dawk li għalihom hemm ***livelli*** minimi ta' tassazzjoni speċifikati f'din id-Direttiva ***u li mhumiex eżentati***, ikunu intenzjonati għall-użu, għall-bejgħ jew użati bħala karburant jew fjuwil għat-tisħin, dawn għandhom jiġu ***intaxxati*** skont l-użu, bl-istess rata tal-fjuwil għat-tisħin jew il-karburant.

Or. en

Emenda 204
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prodotti għajr il-prodotti tal-enerġija, jekk intenzjonati għall-użu, offruti għall-bejgħ jew użati bħala karburant, għandhom jiġu ***ntaxxati*** bir-rata għall-karburant ekwivalenti.	Prodotti għajr il-prodotti tal-enerġija, jekk intenzjonati għall-użu, offruti għall-bejgħ jew użati bħala karburant ***u li mhumiex eżentati***, għandhom jiġu ***intaxxati*** bir-rata għall-karburant ekwivalenti.

Or. en

Emenda 205
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-idrokarburi għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1 u intenzjonati għall-użu, offruti għall-bejgħ jew użati għal skopijiet ta' tisħin, għandhom jiġu ***ntaxxati*** bir-rata għall-prodott tal-enerġija ekwivalenti.	L-idrokarburi għajr dawk elenkati fil-paragrafu 1 u intenzjonati għall-użu, offruti għall-bejgħ jew użati għal skopijiet ta' tisħin ***u li mhumiex eżentati***, għandhom jiġu ***intaxxati*** bir-rata għall-prodott tal-enerġija ekwivalenti.

Or. en

Emenda 206
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Prodotti taxxabbli, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, prodotti jew derivati minn bijomassa huma soġġetti għal kontroll fiskali għal-livelli speċifiċi ta' tassazzjoni stabbiliti għal dawk il-prodotti f'konformità ma' din*** id-Direttiva, ***dment li jissodisfaw wieħed mill-kriterji*** li ġejjin:	4. ***Għall-finijiet ta'din*** id-Direttiva, ***għandhom japplikaw id-definizzjonijiet*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 207
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Prodotti taxxabbli, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, prodotti jew derivati minn	4. Prodotti taxxabbli, imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, prodotti jew derivati minn

bijomassa huma soġġetti għal kontroll fiskali għal-livelli speċifiċi ta' tassazzjoni stabbiliti għal dawk il-prodotti f'konformità ma' din id-Direttiva, dment li jissodisfaw ***wieħed mill-kriterji*** li ġejjin:	bijomassa huma soġġetti għal kontroll fiskali għal-livelli speċifiċi ta' tassazzjoni stabbiliti għal dawk il-prodotti f'konformità ma' din id-Direttiva, dment li jissodisfaw ***il-kriterji*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 208
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) ***il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, eskluži prodotti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Artikolu 26(2) ta' dik id-Direttiva***;	a) ***"bijomassa" tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi ta' oriġini bijoloġika mill-agrikoltura, inklużi sustanzi veġetali u mill-annimali, mill-industriji forestali u industriji relatati, inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli tal-iskart, inkluż l-iskart industrijali u muniċipali ta' oriġini bijoloġika;***

Or. en

Emenda 209
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, eskluži ***prodotti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Artikolu 26(2) ta' dik id-Direttiva***;	a) il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar ***tal-emissjonijiet*** tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, eskluži ***l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku prodott mill-bijomassa tal-injam***;

Or. en

Emenda 210
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	aa) ma jkunux prodotti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Artikolu 26(2) ta' dik id-Direttiva;

Or. en

Emenda 211
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) ikunu prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001.	b) ikunu prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001***, għajr għall-bijogass u l-bijofjuwils prodotti mill-materja prima elenkata fil-punti (g) sa (q) tal-Parti A tal-Anness IX***.

Or. en

Emenda 212
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) ***ikunu*** prodotti ***mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001.***	b) ***"bijofjuwils" tfisser*** prodotti ***likwidi tal-enerġija użati bħala karburanti u prodotti mill-bijomassa;***

Emenda 213
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ba. (c) "bijogass" tfisser prodotti gassużi tal-enerġija użati bħala karburanti jew fjuwils għat-tisħin, u prodotti mill-bijomassa;
	(d) "bijolikwidi" tfisser prodotti likwidi tal-enerġija użati bħala fjuwils għat-tisħin u prodotti mill-bijomassa;
	(e) "bijofjuwils, bijolikwidi u bijogass sostenibbli" tfisser prodotti tal-enerġija użati bħala karburanti u fjuwils għat-tisħin, u prodotti mill-bijomassa, li jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif stabbilit fil-paragrafu 5;
	(f) "bijofjuwils, bijolikwidi u bijogass mhux sostenibbli" tfisser prodotti tal-enerġija użati bħala karburanti u fjuwils għat-tisħin, u prodotti mill-bijomassa, li ma jissodisfawx il-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif stabbilit fil-paragrafu 5;
	***(g) "bijofjuwils, bijolikwidi u bijogass sostenibbli tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf" tfisser prodotti tal-enerġija użati bħala karburanti u fjuwils għat-tisħin u prodotti minn għelejjel b'kontenut għoli ta' lamtu, għelejjel taz-zokkor jew għelejjel taż-żejt prodotti fuq art agrikola bħala għalla ewlenija, esklużi r-residwi, l-iskart jew il-materjal linjoċellulożiku u l-għelejjel intermedji, bħall-għelejjel tat-titwiq u l-għelejjel ta' kopertura, dment li l-użu ta' tali għelejjel intermedji ma jiskattax domanda għal art addizzjonali, filwaqt li jissodisfaw il-kriterji ta'**

sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif stabbilit fil-paragrafu 5;

(h) "bijofjuwils, bijolikwidi u bijogass avvanzati" tfisser bijofjuwils, bijolikwidi u bijogass li huma prodotti mill-materja prima elenkata fl-Anness III;

(i) "fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika" tfisser prodotti tal-enerġija użati bħala karburanti u fjuwils għat-tisħin għajr bijofjuwils, bijolikwidi jew bijogass, li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn sorsi rinnovabbli għajr il-bijomassa;

(j) "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" tfisser idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili, li l-manifattura tiegħu tissodisfa l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar stabbiliti fil-paragrafu 8; "karburanti tal-karbonju riċiklat" għandhom jiġu inklużi f'din il-kategorija;

(k) "karburanti tal-karbonju riċiklat" tfisser fjuwils likwidi u gassużi prodotti minn flussi ta' skart likwidu jew solidu ta' oriġini mhux rinnovabbli li ma jkunux adatti għall-irkupru ta' materjal, jew minn gass mill-ipproċessar tal-iskart u gass tal-egżost ta' oriġini mhux rinnovabbli li jiġu prodotti bħala konsegwenza inevitabbli u mhux intenzjonata tal-proċess ta' produzzjoni fl-installazzjonijiet industrijali;

Or. en

Emenda 214
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2, il-punti (24), għal "bijomassa", (28), għal "bijogass", (32), għal "bijolikwidi", (33), għal "bijofjuwils" u (34), għal "bijofjuwils avvanzati", tad-Direttiva (UE) 2018/2001.	***imħassar***

Or. en

Emenda 215
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, bijogass, bijolikwidi u prodotti "avvanzati" li huma deskritti fil-kodiċijiet NM 4401 u 4402 għandhom ifissru prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti A tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Bijofjuwils, bijogass u bijolikwidi prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti B tal-Anness IX ta' dik id-Direttiva għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-prodotti avvanzati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 216
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, bijogass, bijolikwidi u prodotti "avvanzati" li huma	Bijofjuwils, bijogass u bijolikwidi prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti B tal-

deskritti fil-kodiċijiet NM 4401 u 4402 għandhom ifissru prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti A tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Bijofjuwils, bijogass u bijolikwidi prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti B tal-Anness IX ***ta' dik id-Direttiva*** għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-prodotti avvanzati.	Anness IX ***tad-Direttiva (UE) 2018/2011*** għandhom jitqiesu ekwivalenti għall-prodotti avvanzati ***sal-livelli ta' konsum nazzjonali konsistenti mal-limitu massimu stabbilit fl-Artikolu 27(1)(b) ta' dik id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 217
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:
	a) l-elettriku użat prinċipalment għall-finijiet ta' riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi,
	b) proċessi mineraloġiċi
	"Proċessi mineraloġiċi" tfisser il-proċessi klassifikati fin-nomenklatura NACE taħt kodiċi DI 26 "Manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħra" fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 tad-9 ta' Ottubru 1990 dwar il-klassifikazzjoni statistika ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea[1].
	[1] (ĠU L 293, 24.10.1990, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2002 (ĠU L 6, 10.1.2002, p. 3).

Or. en

Emenda 218
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Prodotti taxxabbli**, **imsemmija fil-paragrafi 1 u 3, li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika" jew "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju", jistgħu jkunu soġġetti għal kontroll fiskali għal-livelli speċifiċi ta' tassazzjoni stabbiliti għal dawk il-prodotti f'konformità ma' din* id-Direttiva***, fejn:***	5. ***Għall-finijiet tal-punti (e)**, **(f) u (g) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, "il-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra" tfisser il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, esklużi prodotti b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art stabbiliti fl-Artikolu 26(2) ta' dik* id-Direttiva***;***

Or. en

Emenda 219
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a) "fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika" għandha tfisser fjuwils għajr bijofjuwils, bijolikwidi jew bijogass, li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn sorsi rinnovabbli għajr il-bijomassa;	***imħassar***

Or. en

Emenda 220
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandha tfisser idroġenu b'livell baxx ta'	***imħassar***

emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili, li jissodisfaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika speċifika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) […]/[…][37]. "Karburanti tal-Karbonju Riċiklat", kif definita bl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandha tiġi inkluża f'din il-kategorija.

---

[36] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[37] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) […]/[...] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi determinat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed mill-objettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final) (ĠU […], p.[…]).

Or. en

Emenda 221
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b) "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandha tfisser ***idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi li l-valur enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll kwalunkwe fjuwil ibbażat fuq il-fossili, li jissodisfaw il-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu determinati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika speċifika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] u l-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) […]/[…][37]. "Karburanti tal-Karbonju Riċiklat", kif definita bl-Artikolu 2(35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għandha tiġi inkluża f'din il-kategorija.***	b) "fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" għandha tfisser ***"fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju", kif definit fid-[Direttiva dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu COM/2021/803]***.

[36] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[37] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) […]/[...] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi determinat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed

[36] Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

[37] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) […]/[...] li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-kriterji tekniċi tal-iskrinjar biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet li taħthom attività ekonomika tikkwalifika bħala li tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jiġi determinat jekk dik l-attività ekonomika tikkawżax ħsara sinifikanti lil xi wieħed

mill-objettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final) (ĠU […], p.[…]).	mill-objettivi ambjentali l-oħra (C/2021/2800 final) (ĠU […], p.[…]).

Or. en

Emenda 222
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Fil-każ ta' emendi futuri tal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija fil-punti (e), (f) u (g) tal-paragrafu 4, u b'deroga mid-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-applikabbiltà tagħhom maż-żmien, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 biex temenda din id-Direttiva billi tistabbilixxi d-data tal-applikazzjoni tal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 223
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. Fil-każ ta' emendi futuri tal-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 sabiex temenda l-Anness III ta' din id-Direttiva bil-għan li tinġieb konformi mal-verżjoni riveduta tad-

Direttiva (UE) 2018/2001.

Or. en

Emenda 224
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 8 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha tehmeż il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda mal-Anness I.

Or. en

Emenda 225
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Din id-Direttiva ma ***għandhiex tapplika*** għal dan li ġej:	1. Din id-Direttiva ma ***tapplikax*** għal dan li ġej:

Or. en

Emenda 226
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-użi li ġejjin tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku:***	(b) ***it-tassazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4401 u 4402;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fjuwils sostenibbli bbażati fuq l-injam u l-faħam tal-injam għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija. Dan jinkoraġġixxi l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jippromwovi tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà tal-UE.

Emenda 227
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– prodotti tal-enerġija użati għal skopijiet oħra għajr bħala karburant jew bħala fjuwil għat-tisħin,	***imħassar***

Or. en

Emenda 228
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– użu doppju ta' prodotti tal-enerġija	***imħassar***
Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitici u metallurġiċi, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,	

Or. en

Emenda 229
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,	***imħassar***

Or. en

Emenda 230
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,	Prodott tal-enerġija għandu użu doppju meta jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija ***rinnovabbli*** għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum tagħhom ikun konness mal-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju,

Or. en

Emenda 231
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– l-elettriku użat prinċipalment għall-finijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-elettriku jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum ikun konness mal-proċess,	***imħassar***

Or. en

Emenda 232
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– l-elettriku użat prinċipalment għall-finijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-elettriku jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum ikun konness mal-proċess,	– l-elettriku ***rinnovabbli*** użat prinċipalment għall-finijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u metallurġiċi, meta l-elettriku ***rinnovabbli*** jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, jew il-konsum ikun konness mal-proċess,

Or. en

Emenda 233
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-użi kollha tal-prodotti tal-

enerġija u tal-elettriku f'impjanti koperti mill-iskema ta' permessi negozjabbli tal-Unjoni skont it-tifsira tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Or. en

Emenda 234
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) c) it-tassazzjoni tal-iskart, għajr iż-żjut fossili skartati, użati bħala fjuwil għat-tisħin;

Or. en

Emenda 235
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 18, ma tapplikax għall-użi li ġejjin ta' prodotti tal-enerġija u l-elettriku:
	a) prodotti tal-enerġija użati għal skopijiet oħra għajr bħala karburant jew bħala fjuwil għat-tisħin;
	b) użu doppju ta' prodotti tal-enerġija;
	"użu doppju" tfisser prodott tal-enerġija li jintuża kemm bħala fjuwil għat-tisħin kif ukoll għal skopijiet oħra għajr bħala karburant u fjuwil għat-tisħin. L-użu tal-prodotti tal-enerġija għar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettrolitiċi u

metallurġiċi, fejn il-prodotti tal-enerġija jintużaw direttament jew biex jipprovdu dħul dirett tal-enerġija għall-proċess, għandu jitqies bħala użu doppju.

c) l-elettriku użat għall-iskopijiet tar-riduzzjoni kimika u fi proċessi elettroliticiċi, mineraloġiċi u metallurġiċi, fejn l-elettriku jintuża direttament jew biex jipprovdi dħul dirett tal-enerġija għall-proċess.

"Proċessi mineraloġiċi" tfisser il-proċessi klassifikati fin-nomenklatura NACE taħt il-kodiċi C 23 fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006, irrispettivament mill-kodiċi li taħtu hija kklassifikata l-attività ewlenija tal-manifattura tal-entità kummerċjali.

"Proċessi metallurġiċi" tfisser il-proċessi klassifikati fin-nomenklatura NACE taħt il-kodiċijiet C 24.1, 24.4, 24.5 u metallurġija tat-trab taħt il-kodiċi C 25.5 fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1893/2006, irrispettivament mill-kodiċi li taħtu hija klassifikata l-attività ewlenija tal-manifattura tal-entità kummerċjali.

Or. en

Emenda 236
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jitqies flimkien ma' karburanti u fjuwils għat-tisħin oħra indikati fit-Tabelli B u C tal-Anness I, ħlief meta l-Istati Membri japplikaw livell speċifiku ta' tassazzjoni tal-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, f'liema każ	Għall-finijiet tal-klassifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jitqies flimkien ma' karburanti u fjuwils għat-tisħin oħra indikati fit-Tabelli B u C tal-Anness I, ħlief meta l-Istati Membri japplikaw livell speċifiku ta' tassazzjoni tal-elettriku użat biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi ***u l-vetturi***

l-elettriku għandu jitqies flimkien mal-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Direttiva.	***ibridi plug-in***, f'liema każ l-elettriku għandu jitqies flimkien mal-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 237
Katri Kulmuni, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, "vettura elettrika" għandha tfisser vettura elettrika kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (2) tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40].	Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, "vettura elettrika" għandha tfisser vettura elettrika kif definita fl-Artikolu 2, il-punt (2) tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40]. ***L-użu tal-elettriku għandu jiġi intaxxat b'mod indipendenti bħala użu uniku, mingħajr ebda referenza għal fjuwils oħra.***
[40] Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).	[40] Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-livell tat-tassazzjoni għall-elettriku ma jkunx marbut mal-bijofjuwils avvanzati. Inkella jkun aktar diffiċli li tiġi ffurmata struttura tat-taxxa, pereżempju mill-perspettiva tal-kompetittività u d-dħul mit-taxxa.

Emenda 238
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	B'deroga mill-Artikolu 5, il-paragrafi 1 u 4 u b'rispett għal-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti fl-Anness I, l-Istati Membri jistgħu japplikaw, taħt kontroll fiskali, rati tat-taxxa differenzjati:
	(a) li jkunu marbuta direttament mal-kwalità tal-prodott;
	(b) għall-fjuwils għat-tisħin u l-elettriku:
	(i) skont il-livelli kwantitattivi tal-konsum;
	(ii) għall-użu kummerċjali u mhux kummerċjali. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-livelli differenzjati ta' tassazzjoni.
	Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "użu kummerċjali" tfisser l-użu minn entità kummerċjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fir-rigward tal-elettriku u l-enerġija, għandha tkun permessa separazzjoni tat-taxxa bejn l-użu privat u dak kummerċjali, li tippermetti r-rata tat-taxxa baxxa attwali fuq l-elettriku għall-industrija. Dan huwa kruċjali għall-kompetittività tal-industrija u prerekwiżit għall-elettrifikazzjoni.

Emenda 239
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías, Pierre Pimpie

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull sena mill-1 ta' Jannar 2024	***imħassar***

sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul is-sena kalendarja preċedenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 240
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva għandhom jiġu adattati kull sena mill-1 ta' Jannar 2024 sabiex jitqiesu l-bidliet fl-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur minbarra l-enerġija u l-ikel mhux ipproċessat kif ippubblikati mill-Eurostat. Il-livelli minimi għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażi f'euro bil-bidla perċentwali f'dak l-indiċi matul is-sena kalendarja preċedenti.	***imħassar***
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.	

Or. en

Emenda 241
Thomas Bajada, Costas Mavrides, Carla Tavares, Alex Agius Saliba, André Rodrigues, Francisco Assis, Daniel Attard, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 242
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías, Pierre Pimpie

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-livelli minimi ta' tassazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 243
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti għandhom ikunu fissi kif	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2026***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti għandhom ikunu fissi kif

muri fit-Tabella A tal-Anness I.	muri fit-Tabella A tal-Anness I. ***Għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku koperti mis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) skont id-Direttiva 2003/87/KE (ETS1) jew id-Direttiva (UE) 2023/959 (ETS2), il-livelli minimi ta' tassazzjoni speċifikati fl-Anness I għandhom jitnaqqsu bil-prezz tal-karbonju tal-ETS applikabbli (ETS1 jew ETS2), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, it-Tabella E, biex tiġi evitata l-impożizzjoni doppja.*** ***Il-Kummissjoni għandha kull sentejn wara dan, tirriżamina l-interazzjoni bejn il-livelli minimi tat-taxxa u l-prezzijiet tal-karbonju tal-ETS u tipproponi aġġustamenti għall-Anness I, it-Tabella E, jekk ikun meħtieġ.***
	Or. en

Emenda 244
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti għandhom ikunu fissi kif muri fit-Tabella A tal-Anness I.	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2030***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti għandhom ikunu fissi kif muri fit-Tabella A tal-Anness I.
	Or. en

Emenda 245
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti għandhom ikunu fissi kif muri fit-Tabella A tal-Anness I.	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2028***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti għandhom ikunu fissi kif muri fit-Tabella A tal-Anness I.

Or. en

Emenda 246
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti għandhom ikunu fissi kif muri fit-Tabella A tal-Anness I.	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2028***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti għandhom ikunu fissi kif muri fit-Tabella A tal-Anness I.

Or. en

Emenda 247
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. ***Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.***	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Emenda 248
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.	Meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Emenda 249
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2033***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2040***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2040***.

Or. en

Emenda 250
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2033***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella A tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2038***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2038***.

Or. en

Emenda 251
Thomas Bajada, Costas Mavrides, Carla Tavares, Sérgio Gonçalves, Alex Agius Saliba, André Rodrigues, Francisco Assis, Daniel Attard, Irene Tinagli

Proposta għal direttiva
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Moratorju għar-reġjuni insulari, periferiċi, ultraperiferiċi u remoti
	B'referenza għar-reġjuni insulari li ma għandhomx konnessjonijiet bit-triq, bil-ferrovija jew b'pont mal-Ewropa kontinentali, u għar-reġjuni periferiċi u remoti, speċjalment dawk b'ekonomija li tiddependi ħafna fuq it-turiżmu, it-taxxa fuq il-pitrolju se titneħħa għal titjiriet lejn u minn tali reġjuni, matul l-ewwel ħames snin, u mbagħad se tiżdied f'ħames fażijiet annwali indaqs fil-ħames snin ta'

wara biex jintlaħqu l-livelli miksuba għat-titjiriet kollha fl-aħħar tal-perjodu ta' għaxar snin. Se jittieħdu l-miżuri kollha ta' prekawzjoni biex jiġi evitat kwalunkwe "devjazzjoni tat-traffiku" (détournement de trafic) fl-użu tal-pitrolju. Il-kundizzjonijiet ta' kwalifika għall-moratorju u tal-applikazzjoni tiegħu għandhom jiġu definiti minn att delegat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

The tax on aviation fuel as proposed will crucially affect the competitiveness of insular, peripheral and remote regions, which have no road, rail or bridge alternatives by which to maintain connectivity with the European mainland, especially when tourism accounts for a significant proportion of their economy. Such territories need to be given a breathing space (of five years) in order to provide them with a chance of maintaining some degree of competitiveness before taxes on the aviation fuel used to reach them by air begin to be introduced. Commenced as of the sixth year, taxation levels would then reach over five years, the same levels applicable to all other territories in the Union.

Emenda 252
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffissati hekk kif stabbilit fit-Tabella B tal-Anness I.	1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2026***, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffissati hekk kif stabbilit fit-Tabella B tal-Anness I. ***Għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku koperti mis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) skont id-Direttiva 2003/87/KE (ETS1) jew id-Direttiva (UE) 2023/959 (ETS2), il-livelli minimi ta' tassazzjoni speċifikati fl-Anness I għandhom jitnaqqsu bil-prezz tal-karbonju tal-ETS applikabbli (ETS1 jew ETS2), f'konformità mal-***

metodoloġija stabbilita fl-Anness I, it-Tabella E, biex tiġi evitata l-impożizzjoni doppja.

Il-Kummissjoni għandha kull sentejn wara dan, tirriežamina l-interazzjoni bejn il-livelli minimi tat-taxxa u l-prezzijiet tal-karbonju tal-ETS u tipproponi aġġustamenti għall-Anness I, it-Tabella E, jekk ikun meħtieġ.

Or. en

Emenda 253
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffissati hekk kif stabbilit fit-Tabella B tal-Anness I.	1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2030***, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffissati hekk kif stabbilit fit-Tabella B tal-Anness I.

Or. en

Emenda 254
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffissati hekk kif	1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2028***, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffissati hekk kif

stabbilit fit-Tabella B tal-Anness I.	stabbilit fit-Tabella B tal-Anness I.

Or. en

Emenda 255
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffissati hekk kif stabbilit fit-Tabella B tal-Anness I.	1. B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2028***, minkejja l-Artikolu 7, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq prodotti użati bħala karburant għal skopijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ffissati hekk kif stabbilit fit-Tabella B tal-Anness I.

Or. en

Emenda 256
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.	***imħassar***

Or. en

Emenda 257
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.	Meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Emenda 258
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2033***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2038***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2038***.

Or. en

Emenda 259
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif prevista fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2033***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif prevista fit-Tabella B tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2040***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2040***.

Or. en

Emenda 260
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) xogħol agrikolu, ortikulturali jew akkwakulturali, u fil-foresti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 261
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2026***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-

fjuwils għat-tisħin għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I.	fjuwils għat-tisħin għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I. ***Għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku koperti mis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) skont id-Direttiva 2003/87/KE (ETS1) jew id-Direttiva (UE) 2023/959 (ETS2), il-livelli minimi ta' tassazzjoni speċifikati fl-Anness I għandhom jitnaqqsu bil-prezz tal-karbonju tal-ETS applikabbli (ETS1 jew ETS2), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, it-Tabella E, biex tiġi evitata l-impożizzjoni doppja.*** ***Il-Kummissjoni għandha kull sentejn wara dan, tirriżamina l-interazzjoni bejn il-livelli minimi tat-taxxa u l-prezzijiet tal-karbonju tal-ETS u tipproponi aġġustamenti għall-Anness I, it-Tabella E, jekk ikun meħtieġ.***

Or. en

Emenda 262
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils għat-tisħin għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I.	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2030***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils għat-tisħin għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I.

Or. en

Emenda 263
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils għat-tisħin għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I.	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2028***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils għat-tisħin għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I.

Or. en

Emenda 264
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils għat-tisħin għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I.	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2028***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-fjuwils għat-tisħin għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella C tal-Anness I.

Or. en

Emenda 265
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. ***Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.***	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Emenda 266
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.	Meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar 2033. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar 2033.

Or. en

Emenda 267
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2033***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif previst fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2040***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2040***.

Or. en

Emenda 268
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif prevista fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2033***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2033***.	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5(2), meta perjodu tranżizzjonali jkun applikabbli kif prevista fit-Tabella C tal-Anness I, iż-żieda fil-livelli minimi ta' tassazzjoni għandha tiġi ffissata għal għaxra fil-mija fis-sena sal-1 ta' Jannar ***2038***. Għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-livell minimu ta' tassazzjoni stabbilit għall-ewwel sena tal-perjodu tranżizzjonali għandu japplika sal-1 ta' Jannar ***2038***.

Or. en

Emenda 269
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq elettriku għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella D tal-Anness I.	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2026***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq elettriku għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella D tal-Anness I. ***Għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku koperti mis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) skont id-Direttiva 2003/87/KE (ETS1) jew id-Direttiva (UE) 2023/959 (ETS2), il-livelli minimi ta' tassazzjoni speċifikati fl-Anness I għandhom jitnaqqsu bil-prezz tal-karbonju tal-ETS applikabbli (ETS1 jew ETS2), f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness I, it-Tabella E, biex tiġi evitata l-impożizzjoni***

doppja.

Il-Kummissjoni għandha kull sentejn wara dan, tirrieżamina l-interazzjoni bejn il-livelli minimi tat-taxxa u l-prezzijiet tal-karbonju tal-ETS u tipproponi aġġustamenti għall-Anness I, it-Tabella E, jekk ikun meħtieġ.

Or. en

Emenda 270
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2023***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq elettriku għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella D tal-Anness I.	B'seħħ mill-1 ta' Jannar ***2028***, il-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli fuq elettriku għandhom jiġu ffissati kif stabbilit fit-Tabella D tal-Anness I.

Or. en

Emenda 271
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Stati*** Membri jistgħu jesprimu l-livelli nazzjonali tagħhom ta' tassazzjoni f'unitajiet barra minn dak speċifikat fl-Artikoli 7 sa 10 jekk kemm-il darba l-livelli korrispondenti ta' tassazzjoni, wara li jinqalbu f'dawk l-unitajiet, ma jkunux inqas mil-livelli minimi ***kif*** speċifikati f'din id-Direttiva.	1. ***L-Istati*** Membri jistgħu jesprimu l-livelli nazzjonali tagħhom ta' tassazzjoni f'unitajiet barra minn dak speċifikat fl-Artikoli 7 sa 10 jekk kemm-il darba l-livelli korrispondenti ta' tassazzjoni, wara li jinqalbu f'dawk l-unitajiet, ma jkunux inqas mil-livelli minimi speċifikati f'din id-Direttiva ***f'konformità mat-tabella ta' konverżjoni***.

Or. en

Emenda 272
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-tassazzjoni taħt kontroll fiskali l-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati biex jipproduċu l-elettriku u l-elettriku użat biex iżomm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-elettriku.	1. L-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-tassazzjoni taħt kontroll fiskali l-prodotti tal-enerġija ***rinnovabbli*** u l-elettriku użati biex jipproduċu l-elettriku u l-elettriku ***rinnovabbli*** użat biex iżomm il-kapaċità tal-produzzjoni tal-elettriku.

Or. en

Emenda 273
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika ambjentali, jissoġġettaw il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għat-tassazzjoni mingħajr ma jkollhom jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva. F'dak il-każ, it-tassazzjoni ta' dawk il-prodotti għandha tirreplika l-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulat fl-Anness I u ma għandhiex titqies għall-finijiet li jiġi ssodisfat il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku stipulat fl-Artikolu 10.	***imħassar***

Or. en

Emenda 274
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika ambjentali, jissoġġettaw il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għat-tassazzjoni mingħajr ma jkollhom jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva. F'dak il-każ, it-tassazzjoni ta' dawk il-prodotti għandha tirreplika l-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulat fl-Anness I u ma għandhiex titqies għall-finijiet li jiġi ssodisfat il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku stipulat fl-Artikolu 10.	2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' politika ambjentali, ***dwar il-klima u l-enerġija*** jissoġġettaw il-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 għat-tassazzjoni mingħajr ma jkollhom jirrispettaw il-livelli minimi ta' tassazzjoni stipulati f'din id-Direttiva. F'dak il-każ, it-tassazzjoni ta' dawk il-prodotti għandha tirreplika l-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulat fl-Anness I u ma għandhiex titqies għall-finijiet li jiġi ssodisfat il-livell minimu ta' tassazzjoni fuq l-elettriku stipulat fl-Artikolu 10.

Or. en

Emenda 275
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-Istati Membri jistgħu jipprevedu eżenzjonijiet mit-taxxa u/jew livelli minimi ta' tassazzjoni favur prodotti maħsuba għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli.

Or. it

Emenda 276
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet għajr titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment, l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' dawk it-titjiriet.	***imħassar***
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I.	
Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin.	
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE" għandha tfisser titjiriet bejn żewġ ajruporti li jinsabu fl-Unjoni, inklużi titjiriet domestiċi.	
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu	

tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji jew individwi għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti;

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "titjiriet ta' divertiment" għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru għal finijiet personali jew rikreazzjonali mhux assoċjati ma' użu għal skopijiet ta' negozju jew professjonali.

Or. en

Emenda 277
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet għajr titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment, l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti*** tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil ***għall-inġenji tal-ajru***, u ***għall-elettriku*** użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi***,*** għall-finijiet ***ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' dawk it-titjiriet.***	1. ***Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/262 dwar l-użi eżentati ta' prodotti taxxabbli, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-tassazzjoni skont il-kundizzjonijiet li huma għandhom jistabbilixxu għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u ċara ta' tali eżenzjoni u għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż, prodotti*** tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil, u ***l-elettriku*** użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi ***jew ibridi*** għall-finijiet ***tan-navigazzjoni bl-ajru għajr meta dawk l-inġenji tal-ajru jintużaw għat-trasport tal-passiġġieri u jkollhom 19-il sit jew inqas, bl-eċċezzjoni ta' titjiriet kummerċjali skedati, forzi armati, forzi tas-sigurtà nazzjonali oħra,***

servizzi ta' tiftix u salvataġġ u awtoritajiet pubbliċi.

Or. en

Emenda 278
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, ***kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet għajr titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment,*** l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ***ta' dawk it-titjiriet***.	1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ***ta' titjiriet inklużi titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment***. ***Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "titjiriet ta' divertiment" għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru għall-finijiet personali jew rikreazzjonali mhux assoċjati ma' użu għal skopijiet ta' negozju jew professjonali. Għal tali titjiriet, ir-rati indikati fit-Tabella A tal-Anness I għandhom jirduppjaw.***

Or. en

Emenda 279
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías, Pierre Pimpie

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet għajr titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment, l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' dawk it-titjiriet.	1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali u għall-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva, kif applikabbli bħala użu uniku għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet għajr titjiriet għal skopijiet ta' negozju u ta' divertiment, ***mill-1 ta' Jannar 2035,*** l-Istati Membri għandhom japplikaw taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni preskritti f'din id-Direttiva għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' dawk it-titjiriet.

Or. en

Emenda 280
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ***tal-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I***.	Għall-finijiet ***ta' dan l-Artikolu "sit" tfisser il-konfigurazzjoni massima operattiva ta' sits tal-passiġġieri (MOPSC) kif definit fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012***.

Or. en

Emenda 281
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 282
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero ***għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju,*** għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin.	Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin ***stabbilit fit-Tabelli A u D tal-Anness I***.

Or. en

Emenda 283
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin.	Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena b'għaxra fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin***, li jibda minn erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin.

Or. en

Emenda 284
Pasquale Tridico, Dario Tamburrano

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena ***b'għaxra*** fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' ***għaxar*** snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali	Il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jibdew minn żero u jiżdiedu kull sena ***b'għoxrin*** fil-mija tar-rati minimi finali, stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I, fuq perjodu tranżizzjonali ta' ***ħames*** snin. Għandha tapplika rata minima ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku fuq dak il-perjodu tranżizzjonali

ta' ***għaxar*** snin.	ta' ***ħames*** snin.

Or. en

Emenda 285
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE" għandha tfisser titjiriet bejn żewġ ajruporti li jinsabu fl-Unjoni, inklużi titjiriet domestiċi.	***imħassar***

Or. en

Emenda 286
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji jew individwi għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 287
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji jew individwi għall-ġarr ta' passiġġieri ***jew ta'*** merkanzija bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti;	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "avjazzjoni għal skopijiet ta' negozju" għandha tfisser l-operazzjoni jew l-użu tal-inġenji tal-ajru minn kumpaniji jew individwi ***għal kwalunkwe skop inkluż*** għall-ġarr ta' passiġġieri***,*** merkanzija ***jew prodotti*** bħala għajnuna għat-twettiq tan-negozju tagħhom, li jtiru għal finijiet ġeneralment ikkunsidrati mhux għall-kiri pubbliku u jkunu ppilotati minn individwi li jkollhom, bħala minimu, liċenzja valida ta' pilota kummerċjali bi kwalifika ta' titjir bl-istrumenti;

Or. en

Emenda 288
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "titjiriet ta' divertiment" għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru għall-finijiet personali jew rikreazzjonali mhux assoċjati ma' użu għal skopijiet ta' negozju jew professjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 289
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru u l-elettriku użati direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss, għandhom ikunu eżentati.	***imħassar***
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	
Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.	
Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluż titjiriet li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.	

Or. en

Emenda 290
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-inġenji tal-ajru u l-elettriku użati direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss, għandhom ikunu eżentati.	***imħassar***
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	
Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.	
Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluża titjiriet li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.	

Or. en

Emenda 291
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-prodotti*** tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil ***għall-inġenji tal-***	2. ***L-Istati Membri għejjer għandhom jeżentaw mit-tassazzjoni, skont il-***

ajru u l-elettriku użati ***direttament biex jiċċarġjaw inġenji tal-ajru elettriċi, għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss***, ***għandhom ikunu eżentati***.	***kundizzjonijiet li huma għandhom jistabbilixxu għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u ċara ta' tali eżenzjoni u għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż***, ***prodotti*** tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil u l-elettriku użati ***għall-inġenji tal-ajru***.

Or. en

Emenda 292
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 293
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għat-titjiriet domestiċi tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 294
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 295
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta Stat Membru jkun daħal fi ftehim ma' Stat Membru wieħed jew aktar, dan jista' japplika wkoll l-istess livell ta' tassazzjoni stipulat fil-paragrafu 1 għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE ta' titjiriet tal-merkanzija biss imsemmija fl-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 296
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluża titjiriet li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 297
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "titjira tal-merkanzija biss" għandha tfisser servizz tat-trasport bl-ajru mhux skedat li jitwettaq minn inġenju tal-ajru li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluża titjiriet li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u titjiriet elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 298
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mingħajr preġudizzju għall-	***imħassar***

obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE skont it-tip ta' titjira.

Or. en

Emenda 299
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Mingħajr preġudizzju għall-obbligi*** internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-UE skont it-tip ta' titjira***.	3. ***L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet kif previst fil-paragrafu 1 għat-trasport*** internazzjonali ***u ġewwa l-Unjoni. Barra minn hekk, fejn Stat Membru ikun daħal fi ftehim bilaterali ma' Stat Membru ieħor, dan jista' jirrinunzja l-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafu 1. F'tali każijiet,*** l-Istati Membri jistgħu ***japplikaw livell ta' tassazzjoni inqas mill-livell minimu stabbilit f'din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 300
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew*** japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru	3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni bl-ajru ġewwa l-UE għan-navigazzjoni bl-ajru barra mill-

barra mill-UE skont it-tip ta' titjira.	UE skont it-tip ta' titjira.

Or. en

Emenda 301
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-karburanti użati fil-qasam tal-manifattura, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru għandhom ikunu soġġetti għal-livell ta' tassazzjoni previst fil-paragrafu 1.	***imħassar***

Or. en

Emenda 302
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-karburanti użati fil-qasam tal-manifattura, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru għandhom ikunu soġġetti għal-livell ta' tassazzjoni previst fil-paragrafu 1***.	4. ***Fl-[2035], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-għażla li temenda din id-Direttiva sabiex tinkludi t-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil użat għan-navigazzjoni bl-ajru u tal-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar tal-inġenji tal-ajru u, jekk xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva għal dak l-għan***.

Or. en

Emenda 303
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo

Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.	***imħassar***
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, "provvista tal-elettriku għal inġenju tal-ajru stazzjonarju" għandha tfisser il-provvista tal-elettriku permezz ta' interfaċċa fissa jew mobbli għall-inġenju tal-ajru meta jkun stazzjonat mal-gate jew f'pożizzjoni esterna fir-rampa tal-ajruport.	

Or. en

Emenda 304
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.	***imħassar***
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, "provvista tal-elettriku għal inġenju tal-ajru stazzjonarju" għandha tfisser il-provvista tal-elettriku permezz ta' interfaċċa fissa jew mobbli għall-inġenju tal-ajru meta jkun stazzjonat mal-gate jew f'pożizzjoni esterna fir-rampa tal-ajruport.	

Or. en

Emenda 305
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.	5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji***, kif ukoll għall-fini ta' taxiing elettriku awtonomu minn inġenji tal-ajru, jew lill-vetturi elettriċi tal-art li jassistu f'operazzjonijiet ta' pushback u rmunkar***.

Or. en

Emenda 306
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali ***jew parzjali*** għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.	5. L-Istati Membri ***għandhom*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali għall-elettriku pprovdut lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji.

Or. en

Emenda 307
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, "provvista tal-elettriku għal inġenju tal-ajru stazzjonarju" għandha tfisser il-	***imħassar***

provvista tal-elettriku permezz ta' interfaċċa fissa jew mobbli għall-inġenju tal-ajru meta jkun stazzjonat mal-gate jew f'pożizzjoni esterna fir-rampa tal-ajruport.

Or. en

Emenda 308
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, "provvista tal-elettriku għal inġenju tal-ajru ***stazzjonarju***" għandha tfisser il-provvista tal-elettriku permezz ta' interfaċċa fissa jew mobbli għall-inġenju tal-ajru meta jkun stazzjonat mal-gate jew f'pożizzjoni esterna fir-rampa tal-ajruport.	Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, "provvista tal-elettriku għal inġenju tal-ajru" għandha tfisser il-provvista tal-elettriku permezz ta' interfaċċa fissa jew mobbli għall-inġenju tal-ajru meta jkun stazzjonat mal-gate jew f'pożizzjoni esterna fir-rampa tal-ajruport.

Or. en

Emenda 309
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu14a
	1. Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/262 dwar l-użi eżentati ta' prodotti taxxabbli, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jeżentaw dan li ġej mit-tassazzjoni b'kundizzjonijiet li huma għandhom jagħmlu għall-fini li

jiżguraw l-applikazzjoni korretta u ċara ta' tali eżenzjonijiet u għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż:

(a) prodotti tal-enerġija fornuti biex jintużaw bħala fjuwil għall-finijiet ta' navigazzjoni bl-ajru għajr titjiriet privati ta' divertiment. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva "titjiriet privati ta' divertiment" għandha tfisser l-użu ta' inġenju tal-ajru minn sidu jew minn persuna naturali jew ġuridika li tgawdi mill-użu tiegħu permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għal finijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux x'jaqsam mal-ġarr ta' passiġġieri jew prodotti jew għall-fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-finijiet ta' awtoritajiet pubbliċi. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni għall-provvisti ta' fjuwil tal-ġettijiet;

(b) prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu ta' fjuwil għall-finijiet ta' navigazzjoni (inkluż is-sajd) fl-ilmijiet ġewwa l-Komunità jew fl-ilmijiet barra l-UE, għajr inġenji privati ta' divertiment, u l-elettriku prodott abbord inġenju. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva "inġenju privat ta' divertiment" għandha tfisser kwalunkwe inġenju użat mis-sid tiegħu jew minn persuna naturali jew ġuridika li tgawdi mill-użu tiegħu permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għal finijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux jaqsam ma' ġarr ta' passiġġieri jew prodotti jew fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-finijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.

2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafu 1(a) u (b) għall-trasport internazzjonali u ġewwa l-Komunità. Barra minn hekk, fejn Stat Membru ikun daħal fi ftehim bilaterali ma' Stat Membru ieħor, dan jista' jirrinunzja l-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafu 1(a) u (b). F'tali każijiet, l-Istati Membri jistgħu japplikaw livell ta'

tassazzjoni inqas mill-livell minimu stabbilit f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 310
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja l-vetturi elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.	***imħassar***
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I.	
Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.	
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" għandha tfisser navigazzjoni bejn żewġ portijiet li jinsabu fl-Unjoni, inkluża navigazzjoni domestika.	
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "servizz regolari" tfisser serje ta' qsim b'vapuri	

ro-ro tal-passiġġieri jew inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri mħaddma biex jaqdu t-traffiku bejn l-istess żewġ portijiet jew aktar, jew serje ta' vjaġġi minn u lejn l-istess port mingħajr waqfiet intermedjarji: skont skeda ppubblikata jew bi qsim tant regolari jew frekwenti li jikkostitwixxi serje sistematika rikonoxxibbli.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasport tal-merkanzija" għandha tfisser servizz skedat jew mhux skedat li jitwettaq minn bastiment li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluża vjaġġi li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u vjaġġi elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.

Or. en

Emenda 311
Pasquale Tridico, Dario Tamburrano

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli ***B*** u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-vetturi*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli ***A*** u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-bastimenti*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE. ***B'deroga, l-Istati Membri għandhom japplikaw, sa 4 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-***

prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira tal-UE, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' tali bastimenti. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira tal-UE" għandha tfisser bastimenti tas-sajd tal-UE li jwettqu "sajd kostali fuq skala żgħira" kif definit fl-Artikolu 2(14) tar-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021.

Or. en

Emenda 312
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikolu 5***, l-Istati Membri għandhom ***japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti*** tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil ***għall-bastimenti***, u ***għall-elettriku*** użat direttament ***biex jiċċarġja l-vetturi*** elettriċi***, għall-finijiet ta' servizz regolari*** ta' navigazzjoni***, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE***.	1. ***Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/262 dwar l-użi eżentati ta' prodotti taxxabbli, u*** mingħajr preġudizzju ***għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni***, l-Istati Membri għandhom ***jeżentaw mit-tassazzjoni skont il-kundizzjonijiet li huma għandhom jistabbilixxu għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u ċara ta' tali eżenzjoni u għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż, prodotti*** tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil, u ***l-elettriku*** użat direttament ***għall-iċċarġjar ta' bastimenti*** elettriċi ***jew ibridi għall-finijiet*** ta' navigazzjoni ***fl-ilmijiet tal-Unjoni (inkluż is-sajd), għajr inġenji privati ta' divertiment***.

Or. en

Emenda 313
Anouk Van Brug, Gilles Boyer

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-vetturi*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-bastimenti*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi mekkaniżmu ta' kalkolu għat-tassazzjoni tal-ammont ta' fjuwil ikkunsmat fl-ilmijiet tal-UE.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu limitati l-possibbiltajiet ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, huwa biss l-ammont ta' żejt tqil użat fl-ilmijiet tal-UE li għandu jiġi intaxxat. B'riżultat ta' dan, jitnaqqas l-inċentiv għall-bunkering barra mill-UE, filwaqt li jiġi inċentivat l-użu ta' alternattivi sostenibbli.

Emenda 314
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Thomas Bajada

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-

bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-vetturi*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija ***fuq l-ilma ġewwa l-UE***.	bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-bastimenti*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni ***fuq l-ilma ġewwa l-UE***, sajd ***bl-esklużjoni ta' bastimenti tas-sajd fuq skala żgħira*** u trasport tal-merkanzija***, li jitilqu minn portijiet tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 315
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-vetturi*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, ***mill-1 ta' Jannar 2035,*** l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli B u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-bastimenti*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.

Or. en

Emenda 316
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta'	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, l-Istati Membri għandhom japplikaw, bħala użu uniku, taħt kontroll fiskali mhux inqas mil-livelli minimi ta'

tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli ***B*** u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-vetturi*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.	tassazzjoni kif stabbiliti fit-Tabelli ***A*** u D tal-Anness I għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għall-bastimenti, u għall-elettriku użat direttament biex jiċċarġja ***l-bastimenti*** elettriċi, għall-finijiet ta' servizz regolari ta' navigazzjoni, sajd u trasport tal-merkanzija fuq l-ilma ġewwa l-UE.

Or. en

Emenda 317
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I.	***imħassar***

Or. en

Emenda 318
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-elettriku għandu jiġi kklassifikat fost il-karburanti indikati fit-Tabella A tal-Anness I.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 319
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.	***imħassar***

Or. en

Emenda 320
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.	Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero ***għall-gass naturali likwifikat,*** għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.

Or. en

Emenda 321
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero ***għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli, għall-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju,*** għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku.	Fuq perjodu tranżizzjonali ta' għaxar snin, għandhom japplikaw rati minimi ta' żero għall-karbonju rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, għall-bijofjuwils u l-bijogass sostenibbli avvanzati, u għall-elettriku ***stabbiliti fit-Tabelli A u D tal-Anness I***.

Or. en

Emenda 322
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" għandha tfisser navigazzjoni bejn żewġ portijiet li jinsabu fl-Unjoni, inkluża navigazzjoni domestika.	***imħassar***

Or. en

Emenda 323
Pasquale Tridico, Dario Tamburrano

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" għandha tfisser navigazzjoni ***bejn żewġ portijiet li jinsabu*** fl-Unjoni, inkluża ***navigazzjoni*** domestika.	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" għandha tfisser navigazzjoni ***li tasal f'port li jinsab*** fl-Unjoni ***jew li titlaq minnu***, inkluża ***n-navigazzjoni*** domestika***, iżda li teskludi l-parti ta' vjaġġ li jseħħ barra mill-ibħra territorjali ta' Stat Membru***.

Or. en

Emenda 324
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" għandha tfisser navigazzjoni ***bejn żewġ portijiet li jinsabu*** fl-Unjoni, inkluża navigazzjoni domestika.	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE" għandha tfisser navigazzjoni ***li tasal f'port li jinsab*** fl-Unjoni ***jew li titlaq minnu***, inkluża navigazzjoni domestika.

Or. en

Emenda 325
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "servizz regolari" tfisser serje ta' qsim b'vapuri ro-ro tal-passiġġieri jew inġenji tal-baħar ta' veloċità kbira għall-passiġġieri mħaddma biex jaqdu t-traffiku bejn l-istess żewġ portijiet jew aktar, jew serje ta' vjaġġi minn u lejn l-istess port mingħajr waqfiet intermedjarji: skont skeda ppubblikata jew bi qsim tant regolari jew frekwenti li jikkostitwixxi serje sistematika rikonoxxibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 326
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "trasport tal-merkanzija" għandha tfisser servizz skedat jew mhux skedat li jitwettaq minn bastiment li jġorr tagħbijiet bi ħlas li mhumiex passiġġieri bi ħlas, eskluża vjaġġi li jġorru passiġġier wieħed jew iktar bi ħlas u vjaġġi elenkati fl-iskedi ppubblikati bħala miftuħa għall-passiġġieri.	***imħassar***

Or. en

Emenda 327
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.	***imħassar***

Or. en

Emenda 328
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma***	2. L-Istati Membri jistgħu ***jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tal-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafu 1 għat-trasport***

ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.	***internazzjonali u ġewwa l-Unjoni. Barra minn hekk, fejn Stat Membru ikun daħal fi ftehim bilaterali ma' Stat Membru ieħor, dan jista' jirrinunzja l-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafu 1. F'tali każijiet, l-Istati Membri jistgħu japplikaw livell ta' tassazzjoni inqas mill-livell minimu stabbilit f'din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 329
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu ***jeżentaw jew*** japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.	2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istess livelli ta' tassazzjoni applikati għan-navigazzjoni fuq l-ilma ġewwa l-UE għan-navigazzjoni fuq l-ilma barra mill-UE skont it-tip ta' attività.

Or. en

Emenda 330
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jissoġġettaw karburanti u elettriku użati fil-qasam tal-manifattura, l-iżvilupp, l-ittestjar u l-manutenzjoni ta' bastimenti, u karburanti u elettriku użati għal operazzjonijiet ta' tħammil f'passaġġi navigabbli fuq l-ilma u fil-portijiet għat-tassazzjoni stipulata fl-ewwel paragrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 331
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-Istati Membri għandhom jissoġġettaw karburanti u elettriku użati fil-qasam tal-manifattura***, ***l-iżvilupp***, ***l-ittestjar u l-manutenzjoni ta' bastimenti, u karburanti u elettriku użati għal operazzjonijiet ta' tħammil f'passaġġi navigabbli*** fuq l-ilma ***u fil-portijiet għat-tassazzjoni stipulata fl-ewwel paragrafu***.	3. ***Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu japplikaw***, ***taħt kontroll fiskali***, ***eżenzjonijiet totali jew parzjali jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil, u għall-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' bastimenti elettriċi jew ibridi għan-navigazzjoni fil-passaġġi*** fuq l-ilma ***interni (inkluż is-sajd) għajr għall-inġenji privati ta' divertiment***. ***Għall-finijiet ta' din id-Direttiva "inġenju privat ta' divertiment" għandha tfisser kwalunkwe inġenju użat mis-sid tiegħu jew minn persuna naturali jew ġuridika li tgawdi mill-użu tiegħu permezz ta' kiri jew mezzi oħra, għal finijiet oħra mhux kummerċjali u b'mod partikolari dak li ma għandux jaqsam ma' ġarr ta' passiġġieri jew prodotti jew fornitura ta' servizzi bil-ħlas jew għall-finijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.***

Or. en

Emenda 332
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-elettriku prodott abbord bastiment għandu jkun eżentat mit-tassazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 333
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***L-elettriku prodott abbord bastiment għandu jkun eżentat*** mit-tassazzjoni.	4. ***L-Istati Membri għejjer għandhom jeżentaw*** mit-tassazzjoni***, skont il-kundizzjonijiet li huma għandhom jistabbilixxu għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u ċara ta' tali eżenzjoni u għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe evażjoni, evitar jew abbuż, prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil, u l-elettriku użati għall-bastimenti għall-finijiet ta' navigazzjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni (inkluż is-sajd), għajr għall-inġenji privati ta' divertiment.***

Or. en

Emenda 334
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati fil-	***imħassar***

portijiet.

Or. en

Emenda 335
Michalis Hadjipantela

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-Istati Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut*** direttament ***lill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet***.	5. ***Fl-[2035], il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-għażla li temenda din id-Direttiva sabiex tinkludi t-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil użat għan-navigazzjoni fuq l-ilma u tal-elettriku użat*** direttament ***għall-iċċarġjar tal-bastimenti elettriċi u ibridi u, jekk xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva għal dak l-għan***.

Or. en

Emenda 336
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti ***rmiġġati*** fil-portijiet.	5. L-Istati Membri ***għandhom*** japplikaw**,** taħt kontroll fiskali**,** eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti**, *jew lill-batteriji mobbli ta' bastimenti rriċarġjati fl-irmiġġ, irmiġġati*** fil-portijiet.

Or. en

Emenda 337
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet.	5. L-Istati Membri ***għandhom*** japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali għall-elettriku pprovdut direttament lill-bastimenti rmiġġati fil-portijiet.

Or. en

Emenda 338
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Claire Fita

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiżviluppa u tadotta att delegat mill-1 ta' Jannar 2027 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi qafas komuni ta' ċertifikazzjoni li jidentifika l-oriġini tal-elettriku kkunsmat. Iċ-ċertifikazzjoni għandha tipprovdi informazzjoni lill-konsumaturi dwar is-sorsi tal-enerġija tal-elettriku kkunsmat. F'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, l-Istati Membri għandhom jimmitigaw l-effetti distribuzzjonali għal miżuri u politiki maħsuba għall-funzjonament adegwat tas-sistema ta' ċertifikazzjoni. Ladarba s-sistema ta' ċertifikazzjoni tiġi implimentata, l-Istati Membri jistgħu jużaw l-informazzjoni mill-qafas ta' ċertifikazzjoni biex japplikaw taħt kontroll fiskali eżenzjonijiet totali jew parzjali jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni speċifikat

fl-Artikolu 16.

Or. en

Emenda 339
Marco Falcone

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, ***Stati*** Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal:	Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, ***l-Istati*** Membri jistgħu japplikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni***, b'riferenza partikolari għal prodotti tal-enerġija negattivi fil-karbonju*** għal:

Or. it

Emenda 340
Markus Ferber

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, ***Stati*** Membri ***jistgħu*** japplikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal:	Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, ***l-Istati*** Membri ***għandhom*** japplikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet jew tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għal:

Or. en

Emenda 341
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, ***Stati*** Membri ***jistgħu*** japplikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet ***jew tnaqqis*** fil-livell ta' tassazzjoni għal:	Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni, ***l-Istati*** Membri ***għandhom*** japplikaw taħt kontroll fiskali l-eżenzjonijiet fil-livell ta' tassazzjoni għal:

Or. en

Emenda 342
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) prodotti ***taxxabli*** użati taħt kontroll fiskali fil-qasam ta' proġetti pilota għall-iżvilupp teknoloġiku ta' ***iktar*** prodotti ***li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent jew dawk relatati ma' ffuwils minn riżorsi*** rinnovabbli;	(a) prodotti ***taxxabbli*** użati taħt kontroll fiskali fil-qasam ta' proġetti pilota għall-iżvilupp teknoloġiku ta' prodotti ***sostenibbli bbażati fuq l-enerġija*** rinnovabbli;

Or. en

Emenda 343
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Claire Fita

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) il-konsumaturi skont il-ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija (PPAs), il-komunitajiet tal-enerġija u l-konsumaturi attivi li l-awtoproduzzjoni tal-elettriku tagħhom tkun ġejja minn prodotti speċifikati f'dan l-Artikolu;

Or. en

Emenda 344
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) elettriku:	(b) elettriku ***bbażat fuq l-enerġija rinnovabbli***:

Or. en

Emenda 345
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– iġġenerat minn bijomassa sostenibbli jew minn prodotti magħmula minn bijomassa sostenibbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 346
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– iġġenerat mill-metan li joħroġ minn minjieri tal-faħam abbandunati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 347
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– iġġenerat minn ċelloli tal-fjuwil;	– iġġenerat minn ċelloli tal-fjuwil ***imħaddmin bi fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika***;

Or. en

Emenda 348
Sirpa Pietikäinen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– idroġenu ekoloġiku kif definit fl-Artikolu 2(11) tad-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (riformulazzjoni);

Or. en

Emenda 349
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías, Pierre Pimpie

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b – inċiż 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– f'impjanti tal-enerġija nukleari.

Or. en

Emenda 350
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu rifużjoni lill-produttur ta' parti mill-ammont, jew l-ammont kollu, tat-taxxa mħallsa mill-konsumatur fuq elettriku prodott minn prodotti speċifikati f'dan il-paragrafu.	L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu rifużjoni lill-produttur ***tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jaġixxu b'mod konġunt, u l-klijenti domestiċi finali li jipparteċipaw bħala membru jew azzjonist f'komunità tal-enerġija rinnovabbli,*** ta' parti mill-ammont, jew l-ammont kollu, tat-taxxa mħallsa mill-konsumatur fuq elettriku prodott minn prodotti speċifikati f'dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 351
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) enerġija minn sorsi rinnovabbli li hija prodotta, ikkunsmata, maħżuna, jew kondiviża minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jaġixxu b'mod konġunt u konsumaturi domestiċi u SMEs finali li jipparteċipaw bħala membru jew azzjonist f'komunità tal-enerġija rinnovabbli, kif definit fid-Direttiva 2018/2001;

Or. en

Emenda 352
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Claire

Fita

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-elettriku użat direttament għall-iċċarġjar ta' bastimenti fuq l-ilma rmiġġati;

Or. en

Emenda 353
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Thomas Bajada, Claire Fita

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) idroġenu b'livell baxx ta' karbonju kif definit fl-Artikolu 2(11) tad-Direttiva (UE) 2024/1788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (riformulazzjoni); għal perjodu ta' 10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva;

Or. en

Emenda 354
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Niels Fuglsang, Thomas Bajada, Claire Fita

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) iġġenerat minn gassijiet rinnovabbli u fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika;

Or. en

Emenda 355
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) elettriku magħmul minn ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-elettriku , jekk kemm-il darba l-koġenerazzjoni mill-ġeneraturi kkombinati tkun koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (34), tad-Direttiva 2012/27/UE; ;	***imħassar***

Or. en

Emenda 356
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-ġenerazzjoni kkombinata ta' sħana u enerġija;

Or. en

Emenda 357
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika***,*** bijofjuwils, bijolikwidi***, bijogass sostenibbli avvanzati u prodotti***	(d) fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika ***u*** bijofjuwils, bijolikwidi ***u*** bijogass sostenibbli avvanzati;

sostenibbli avvanzati ***li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4401 u 4402***;

Or. en

Emenda 358
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) prodotti li jaqgħu taħt il-Kodiċi NM 2705 użati għal finijiet ta' tisħin.	***imħassar***

Or. en

Emenda 359
Fernando Navarrete Rojas, Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato, Carmen Crespo Díaz

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) prodotti tal-enerġija fornuti għall-użu bħala fjuwil għan-navigazzjoni f'ilmijiet interni (inkluż is-sajd), għajr għall-inġenji privati ta' divertiment u l-elettriku prodott abbord inġenju;

Or. en

Emenda 360
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-ġarr ta' merkanzija u passiġġieri bil-ferrovija, bil-metrò, bit-tramm u bil-karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku;

Or. en

Emenda 361
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella C u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għall-ġenerazzjoni kkombinata tas-sħana u tal-elettriku, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13;	***imħassar***

Or. en

Emenda 362
Pasquale Tridico, Dario Tamburrano

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni***, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella B u D tal-Anness I,*** għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-ferrovija, bil-metro, bit-tramm u bil-karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku, u għat-trasport pubbliku ***lokali***	(b) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-ferrovija, bil-metro, bit-tramm u bil-karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku, u għat-trasport pubbliku tal-passiġġieri, il-ġbir tal-iskart u l-amministrazzjoni pubblika, il-persuni

tal-passiġġieri, il-ġbir tal-iskart***, il-forzi armati*** u l-amministrazzjoni pubblika, il-persuni b'diżabilità u l-ambulanzi;	b'diżabilità u l-ambulanzi;

Or. en

Emenda 363
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella B u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-ferrovija, bil-metro, bit-tramm u bil-karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku, u għat-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri, ***il-ġbir*** tal-iskart, il-forzi armati u l-amministrazzjoni pubblika, il-persuni b'diżabilità u l-ambulanzi;	(b) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella B u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-ferrovija ***elettrifikata***, bil-metro, bit-tramm u bil-karozza tal-linja li taħdem bl-elettriku, u għat-trasport pubbliku lokali tal-passiġġieri ***elettrifikat***, ***il-vetturi elettriċi għall-ġbir*** tal-iskart, il-forzi armati u l-amministrazzjoni pubblika, il-persuni b'diżabilità u l-ambulanzi;

Or. en

Emenda 364
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella C u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija użati bħala fjuwil għat-tisħin u l-elettriku jekk jintużaw mill-unitajiet domestiċi u/jew mill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti bħala karitatevoli mill-Istat Membru kkonċernat.	(c) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi kif stabbiliti fit-Tabella C u D tal-Anness I, għall-prodotti tal-enerġija użati bħala fjuwil għat-tisħin u l-elettriku jekk jintużaw mill-unitajiet domestiċi ***li huma taħt il-150 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali*** u/jew mill-

Fil-każ ta’ dawn l-organizzazzjonijiet karitatevoli, l-Istati Membri għandhom jirrestrinġu t-tnaqqis għall-użu għall-fini ta’ attivitajiet mhux kummerċjali. Fejn isir użu mħallat, it-tassazzjoni għandha tapplika fi proporzjon ma’ kull tip ta’ użu. Jekk użu jkun insinifikanti, dan jista’ jiġi trattat bħala żero.	organizzazzjonijiet rikonoxxuti bħala karitatevoli mill-Istat Membru kkonċernat. Fil-każ ta’ dawn l-organizzazzjonijiet karitatevoli, l-Istati Membri għandhom jirrestrinġu t-tnaqqis għall-użu għall-fini ta’ attivitajiet mhux kummerċjali. Fejn isir użu mħallat, it-tassazzjoni għandha tapplika fi proporzjon ma’ kull tip ta’ użu. Jekk użu jkun insinifikanti, dan jista’ jiġi trattat bħala żero.

Or. en

Emenda 365
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati ***minn unitajiet*** domestiċi ***rikonoxxuti bħala vulnerabbli*** jistgħu jiġu eżentati għal perjodu massimu ta’ għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva. ***Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, “unitajiet domestiċi vulnerabbli” għandha tfisser unitajiet domestiċi affettwati b’mod sinifikanti mill-impatti ta’ din id-Direttiva li, għall-fini ta’ din id-Direttiva, ifisser li huma taħt il-limitu ta’ “riskju ta’ faqar”, definit bħala 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali.***	Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati ***mill-unitajiet*** domestiċi jistgħu jiġu eżentati għal perjodu massimu ta’ għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 366
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Niels Fuglsang, Claire Fita

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi ***rikonoxxuti bħala vulnerabbli jistgħu jiġu eżentati għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "unitajiet domestiċi vulnerabbli" għandha tfisser unitajiet domestiċi affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti ta' din id-Direttiva li, għall-fini ta' din id-Direttiva, ifisser li huma taħt il-limitu ta' "riskju ta' faqar", definit bħala 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali***.	Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi ***li jgħixu f'kundizzjoni ta' faqar enerġetiku kif definit fir-[Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika (riformulazzjoni) (COM(2021)558)]***.

Or. en

Emenda 367
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi ***rikonoxxuti bħala vulnerabbli*** jistgħu jiġu eżentati għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. ***Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "unitajiet domestiċi vulnerabbli" għandha tfisser unitajiet domestiċi affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti ta' din id-Direttiva li, għall-fini ta' din id-Direttiva, ifisser li huma taħt il-limitu ta' "riskju ta' faqar", definit bħala 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali.***	Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi ***li jgħixu f'kundizzjoni ta' faqar enerġetiku kif definit fir-[Riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (riformulazzjoni) (COM(2021)558)] li jinsabu wkoll taħt is-60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali***, jistgħu jiġu eżentati għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 368
Pasquale Tridico, Dario Tamburrano

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli jistgħu jiġu eżentati ***għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "unitajiet domestiċi vulnerabbli" għandha tfisser unitajiet domestiċi affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti ta' din id-Direttiva li, għall-fini ta' din id-Direttiva, ifisser li huma taħt il-limitu ta' "riskju ta' faqar", definit bħala 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali.	Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli jistgħu jiġu eżentati. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "unitajiet domestiċi vulnerabbli" għandha tfisser unitajiet domestiċi affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti ta' din id-Direttiva li, għall-fini ta' din id-Direttiva, ifisser li huma taħt il-limitu ta' "riskju ta' faqar", definit bħala 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali.

Or. en

Emenda 369
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli jistgħu jiġu eżentati ***għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu,*** "unitajiet domestiċi vulnerabbli" ***għandha tfisser unitajiet domestiċi affettwati b'mod sinifikanti mill-impatti ta' din id-Direttiva li***, ***għall-fini ta' din id-Direttiva***, ***ifisser li huma taħt il-limitu ta' "riskju ta' faqar", definit bħala 60 % tal-introjtu disponibbli***	Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli jistgħu jiġu eżentati ***mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2050; għal dak il-fini, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu definizzjoni ta'*** "unitajiet domestiċi vulnerabbli" ***filwaqt li jqisu sett wiesa' ta' varjabbli ekonomiċi u soċjali, bħal***, ***iżda mhux limitati għal***, ***introjtu personali, prezzijiet tal-enerġija jew il-kost tat-trasport; L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-kriterji***

ekwivalizzat medjan nazzjonali.	***rilevanti mingħajr dewmien;***

Or. en

Emenda 370
Enikő Győri

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt c – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-finijiet tal-punt (c), il-prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati minn unitajiet domestiċi fl-Istati Membri li għandhom volumi inkatenati tal-prodott domestiku gross reali mkejjel f'euro għal kull abitant ta' inqas minn 65 % tal-medja tal-EU-27 jistgħu, bħala użu uniku, ikunu eżentati jew soġġetti għal tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2050; il-volumi inkatenati tal-prodott domestiku gross reali mkejjel f'euro għal kull abitant u l-medja tal-UE-27 meqjusa se jkunu dawk għas-sena ta' qabel tal-aħħar qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 371
Fernando Navarrete Rojas

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Għall-prodotti tal-enerġija u l-elettriku koperti mill-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS1 jew ETS2) skont id-Direttiva 2003/87/KE jew id-Direttiva (UE) 2023/959, it-tnaqqis skont il-punti (a) sa

(d) jista' jaqa' taħt il-livelli minimi stabbiliti fit-Tabelli A, B, C u D tal-Anness I, dment li jikkonformaw mar-rati minimi tat-taxxa aġġustati skont it-Tabella E fl-Anness I biex tiġi evitata l-impożizzjoni doppja.

Or. en

Emenda 372
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Claire Fita

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) tnaqqis fil-livell ta' tassazzjoni, li ma għandux jaqa' taħt il-livelli minimi stabbiliti fit-Tabella B tal-Anness I, għal prodotti tal-enerġija b'sehem tas-suq ta' inqas minn 1 % f'dak l-Istat Membru;

Or. en

Emenda 373
Matthias Ecke, Evelyn Regner, René Repasi, Thomas Bajada, Claire Fita

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni, jekk ma jsir l-ebda progress sinifikanti skont il-valutazzjonijiet tal-Monitoraġġ Soċjali kif definit f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jeżentaw lill-unitajiet domestiċi rikonoxxuti bħala vulnerabbli. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Or. en

Emenda 374
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, kif applikabbli bħala użu uniku, l-Istati Membri jistgħu japplikaw tnaqqis fit-taxxa , li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi rilevanti kif stabbiliti fit-Tabelli B, C u D tal-Anness I, fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija użati ***sabiex isaħħnu*** jew għall-iskopijiet skont l-Artikolu 8(2) , il-punti (b) u (c) u fuq l-elettriku fil-każijiet li ġejjin:	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, kif applikabbli bħala użu uniku, l-Istati Membri jistgħu japplikaw tnaqqis fit-taxxa, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi rilevanti kif stabbiliti fit-Tabelli B, C u D tal-Anness I ***għal perjodu massimu ta' għaxar snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva***, fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija użati ***għal skopijiet ta' tisħin*** jew għall-iskopijiet skont l-Artikolu 8(2), il-punti (b) u (c) u fuq l-elettriku fil-każijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 375
Jaroslava Pokorná Jermanová, Paolo Borchia, Tomáš Kubín, Jorge Martín Frías

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, kif applikabbli bħala użu uniku, l-Istati Membri jistgħu japplikaw tnaqqis fit-taxxa ***, li ma għandux ikun inqas mil-livelli minimi rilevanti kif stabbiliti fit-Tabelli B, C u D tal-Anness I,*** fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija użati ***sabiex isaħħnu*** jew għall-iskopijiet skont l-Artikolu 8(2) , il-punti (b) u (c) u fuq l-elettriku fil-każijiet li ġejjin:	Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5, kif applikabbli bħala użu uniku, l-Istati Membri jistgħu japplikaw tnaqqis fit-taxxa fuq il-konsum ta' prodotti tal-enerġija użati ***għal skopijiet ta' tisħin*** jew għall-iskopijiet skont l-Artikolu 8(2), il-punti (b) u (c) u fuq l-elettriku fil-każijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 376
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) favur impriżi b'konsum enerġetiku għoli	(a) favur impriżi b'konsum enerġetiku għoli ***bil-kundizzjoni li jiġu konklużi ftehimiet bejniethom (il-benefiċjarji), jew assoċjazzjonijiet ta' benefiċjarji, u l-Istat Membru li abbażi tagħhom il-benefiċjarji jew l-assoċjazzjonijiet tal-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jiksbu operazzjoni ta' negozju effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, ċirkolari, mingħajr tniġġis u bbażata fuq sorsi rinnovabbli permezz ta' azzjonijiet li jistgħu jirrelataw, fost affarijiet oħra, ma' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli sostenibbli, tnaqqis fl-emissjonijiet u sustanzi niġġiesa oħra, jew kwalunkwe miżura oħra ta' protezzjoni ambjentali.***

Or. en

Emenda 377
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***fejn ikun hemm ftehim milħuq ma' entitajiet*** kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 19 jew assoċjazzjonijiet ta' dawn l-entitajiet kummerċjali , ***jew fejn skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet jew miżuri ekwivalenti jkunu implimentati***, ***jekk kemm-il darba jwasslu biex jintlaħqu l-objettivi dwar protezzjoni ambjentali jew titjib fl-effiċjenza tal-enerġija***.	(b) ***favur negozji oħra bil-kundizzjoni li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Istati Membri u l-entitajiet*** kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 19 jew assoċjazzjonijiet ta' dawn l-entitajiet kummerċjali, ***li abbażi tagħhom il-benefiċjarji jew l-assoċjazzjonijiet tal-benefiċjarji jimpenjaw ruħhom li jiksbu operazzjoni ta' negozju effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija, ċirkolari, mingħajr tniġġis u bbażata fuq sorsi rinnovabbli***

permezz ta' azzjonijiet li jistgħu jirrelataw, fost affarijiet oħra, ma' tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli sostenibbli, tnaqqis fl-emissjonijiet u sustanzi niġġiesa oħra, jew kwalunkwe miżura oħra ta' protezzjoni ambjentali.

L-Istat Membru jivverifika l-ħtieġa ta' tnaqqis fit-taxxa biex jikkontribwixxi indirettament għal livell oġħla ta' protezzjoni ambjentali permezz ta' konsultazzjoni pubblika miftuħa ex ante fejn is-setturi eliġibbli għat-tnaqqis huma deskritti kif xieraq u tiġi pprovduta lista tal-akbar benefiċjarji għal kull settur.

Or. en

Emenda 378
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, "skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet" għandha tfisser skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet għajr l-iskema tal-Unjoni fis-sens tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41].	Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, "skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet" għandha tfisser skemi ta' kwoti ta' emissjonijiet għajr l-iskema tal-Unjoni fis-sens tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41]. ***Il-ftehimiet imsemmija fl-ittra a) u b) iridu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:*** ***(i) is-sustanza tal-ftehimiet tkun innegozjata minn kull Stat Membru u tispeċifika l-miri u tistabbilixxi skeda ta' żmien biex jintlaħqu l-miri;*** ***(ii) l-Istati Membri jiżguraw monitoraġġ indipendenti u regolari tal-impenji fil-ftehimiet;*** ***(iii) il-ftehimiet jiġu riveduti perjodikament fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi u żviluppi oħra u jipprevedu***

penali effettivi f'każ li l-impenji ma jintlaħqux.

L-Istat Membru jeħtieġlu jimpenja ruħu wkoll li jimmonitorja li l-benefiċjarji definiti fl-ittri a) u b) meħtieġa li jwettqu awditu tal-enerġija skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/KE jagħmlu wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) meta l-benefiċjarji jkunu meħtieġa jwettqu awditu tal-enerġija skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE, jimplimentaw rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar, sal-punt li ż-żmien ta' ħlas lura għall-investimenti rilevanti ma jaqbiżx it-3 snin u li l-kostijiet tal-investimenti tagħhom ikunu proporzjonati;

(b) inaqqsu l-impronta tal-karbonju tal-konsum tal-elettriku tagħhom, sabiex ikopru mill-inqas 50 % tal-konsum tal-elettriku tagħhom minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

(c) jinvestu mill-inqas 80 % tal-ammont tat-tnaqqis tat-taxxa fi proġetti li jwasslu għal tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-installazzjoni; jekk applikabbli, l-investiment għandu jwassal għal tnaqqis sa livell li jkun ferm taħt il-parametru referenzjarju rilevanti użat għall-allokazzjoni bla ħlas fl-ETS tal-Unjoni.

---

[41] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

[41] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

Or. en

Emenda 379
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Flimkien ma dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari fl-Artikoli 14 , 15 , 16, 17 u 18, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni, li jawtorizzaw lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet jew tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi. Fejn meħtieġ, għal raġunijiet ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni, li jawtorizzaw lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi rati speċifiċi miżjuda li jidderogaw mill-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulati fl-Anness I.	1. Flimkien ma dawn id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli ta' qabel, b'mod partikolari fl-Artikoli 14, 15, 16, 17 u 18, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni, li jawtorizzaw lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi iktar eżenzjonijiet jew tnaqqis għall-konsiderazzjonijiet politiki speċifiċi. Fejn meħtieġ, għal raġunijiet ta' ***tranżizzjoni ġusta,*** protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, inkluż it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jadotta atti ta' implimentazzjoni, li jawtorizzaw lil kwalunkwe Stat Membru biex jintroduċi rati speċifiċi miżjuda li jidderogaw mill-klassifikazzjoni bejn il-livelli minimi ta' tassazzjoni kif stipulati fl-Anness I.

Or. en

Emenda 380
Katri Kulmuni

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Bl-iskop li japplika l-Artikoli*** 2 u 7 tad-Direttiva 2008/118/KE l-elettriku, il-gass naturali u l-idroġenu għandhom ikunu soġġetti għal tassazzjoni u għandhom jiġu dovuti meta ssir il-fornitura mid-distributur jew ridistributur. Meta l-konsenja għall-konsum issir fi Stat Membru fejn id-distributur jew ridistributur mhuwiex stabbilit, it-taxxa tal-Istati Membri tal-konsenja għandha tkun dovuta lil	4. ***Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikoli*** 2 u 7 tad-Direttiva 2008/118/KE***,*** l-elettriku, il-gass naturali u l-idroġenu għandhom ikunu soġġetti għal tassazzjoni u għandhom jiġu dovuti meta ssir il-fornitura mid-distributur jew ridistributur. Meta l-konsenja għall-konsum issir fi Stat Membru fejn id-distributur jew ridistributur mhuwiex stabbilit, it-taxxa tal-Istati Membri tal-konsenja għandha tkun

kumpanija li trid tkun reġistrata fl-Istat Membru fejn issir il-konsenja . Fil-każijiet kollha t-taxxa għandha tiġi imposta u tinġabar skont proċeduri mniżżla minn kull Stat Membru.	dovuta lil kumpanija li trid tkun reġistrata fl-Istat Membru fejn issir il-konsenja. Fil-każijiet kollha t-taxxa għandha tiġi imposta u tinġabar skont proċeduri mniżżla minn kull Stat Membru. ***L-elettriku għandu jkun soġġett għat-tassazzjoni u għandu tkun dovuta fil-ħin tal-provvista jew tal-użu mid-distributur jew mir-ridistributur. Meta -konsenja għall-konsum issir fi Stat Membru fejn id-distributur jew ridistributur mhuwiex stabbilit, it-taxxa tal-Istati Membri tal-konsenja għandha tkun dovuta lil dak id-distributur jew ridistributur jew lil kumpanija li jeħtiġilha tkun reġistrata fl-Istat Membru fejn issir il-konsenja . Fil-każijiet kollha t-taxxa għandha tiġi imposta u tinġabar skont proċeduri mniżżla minn kull Stat Membru.***
	Or. en

Emenda 381
Kira Marie Peter-Hansen

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
